MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 204/2004

**Auto Sales Limited**

**vs**

**John Hayes u Caroline Hayes**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tal-ammont dovut ta' elfejn seba mija sitta u tmenin liri Maltin (LM2786) dovuti in konnessjoni ma kambjali ffirmati u skaduti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Ottubru 2003, l-ittri bonarji datati 7 ta' Ottubru, 2003, 11 ta' Marzu 2004 u bl-imghax legali;

Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota pprezentata mill-konvenut John Hayes waqt is-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2004; permezz ta’ liema huwa ammetta it-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Rat illi l-konvenuta Caroline Hayes, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talbiet attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fid-19 ta’ Novembru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa it-talbiet tas-socjeta’ attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ elfejn seba mija sitta u tmenin lira (LM2786) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------